MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 173/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Frendo**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Frendo talli:

1 F’ xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Novembru, 1999 kkometta serq ta’ diversi cameras, compact discs u accessorji ohra mill-fond bl-isem *Cauchi’s* sitwat fi Pjazza Rotunda, il-Mosta, a dannu ta’ John Cauchi mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000), u bil-hin;

2 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` [ghamel

hsara] fuq il-bieb principali tal-istess fond, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500);

3 Kif ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lil Frendo jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Settembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Noel Frendo hati biss skond <u>l-ewwel</u> u skond <u>it-tielet</u> imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-piena ta’ sentejn prigunerija; dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Frendo mit-tieni imputazzjoni minhabba li “l-prosekuzzjoni ma ressqitx stima tal-*quantum* ta’ hsara sofferta” (ara l-hames faccata tas-sentenza ta’ l-ewwel qorti, fol. 139 tal-atti);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Noel Frendo, minnu prezentat fl-1 ta’ Ottubru, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat ukoll mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet, jew, alternattivament, riforma fir-rigward tal-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar ir-rikors ta’ appell; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens illi qatt ma gie stabbilit il-valur tal-oggetti allegatament misruqa b’mod ghalhekk – skond l-appellant – li mhux biss tigi nieqsa l-kwalifika tal-valur ghal dak li jirrigwarda r-reat ta’ serq, izda addirittura ma jkunx jista’ jinghad li hemm serq. It-tieni aggravju tal-appellant hu fis-sens li, apparti dak li huwa jsejjahlu l-mod “stramb” kif il-pulizija “gabru l-*fingerprints* tal-akkuzat u dana minn impronti ohra li huma kellhom fil-pussess taghhom”, il-fatt li instabu impronti digitali tieghu f’post pubbliku ma hux prova sufficjenti li kien hu li kkommetta jew li kien involut fis-serqa *de quo*. L-appellant jikkontendi li ma kien hemm

ebda prova ohra li “tikkorrobora” dawn l-impronti digitali. It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena: l-appellant jghid li l-piena inflitta fuqu kienet wahda wisq harxa tenut kont tal-fatt li “is-sid [tal-hanut] anqas biss jaf kemm jiswew jew addirittura kemm insterqu oggetti”. L-appellant jikkontendi wkoll li fil-fehma tieghu l-ewwel qorti kkundanntu sentejn prigunerija minhabba l-fatt li d-Direttur tal-Habs joffri programm ta’ riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga “lil nies li jigu kkundannati ghal mhux anqas minn sentejn habs”. Hu jghid li fil-kors tal-proceduri hadd ma ilmenta li huwa kellu xi problema konnessa ma’ l-abbuz tad-droga.

Din il-Qorti sejra titratta l-aggravji *seriatim*.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti assolutament ma tistax taqbel ma’ l-appellant. Meta John Cauchi xehed fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* fid-29 ta’ Novembru, 1999 huwa kien qal hekk (ara fol. 43 ta’ l-atti tal-*proces-verbal*):

**“Meta ghamilna rapport l-Ghassa, ghadna li kienu nsterqu b’xi Lm5000 valur ta’ oggetti u dan abbazi tal-prezz tal-bejgh. Dan kien approssimattiv. F’dan il-prezz hu inkluz il-VAT ta’ 15%.”**

Min-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-appellant migjuba quddiem l-ewwel qorti fit-3 ta’ Jannar, 2003 (ara fol. 122 tal-attijiet tal-kawza) jidher li l-malintiz, li in segwitu ifforma l-bazi tal-aggravju dwar il-valur, gej mill-fatt li meta quddiem il-Qorti Istruttorja giet moqrija l-imsemmija deposizzjoni ta’ dana Cauchi biex huwa jikkonfermaha, bi zvista tnizzel fit-traskrizzjoni relattiva “Lm500” flok “Lm5000” (ara fol. 44 ta’ l-istruttorja). Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemmx l-icken dubbju li l-valur ta’ l-oggetti misruqa fis-serqa *de quo* kien ta’ aktar minn elf lira – dan jirrizulta car mil-lista a fol. 27 sa 31 tal-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* ezibita minn John Cauchi u <u>sussegwentement minnu konfermata bil-gurament fil-kors ta’ l-istruttorja</u> (fol. 46). Dana l-aggravju, ghalhekk, qed jigi respint.

Kwantu ghall-kwistjoni ta’ l-impronti digitali, huwa veru, kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu, li l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq dawn l-impronti. Jibda biex jinghad, pero`, li wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza, ma jirrizultalha xejn “stramb” dwar il-mod kif ingabru xi impronti tal-appellant, kif l-appellant jallega fir-rikors imsemmi. Ghall-kuntrarju, kollox jirrizulta li sar skond il-ligi. Fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* l-impronti digitali mhollija fuq il-post tad-delitt gew debitament identifikati u elevati minn P.C. 1374 Edgar Dalli li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti; l-impronti ta’ Frendo – allura semplicement suspettat ossija indizjat[1] -- ittiehdu minn P.C. 956 Andrew Caruana, li wkoll gie debitament nominat b’digriet *ad hoc* mill-Magistrat Inkwirenti; filwaqt li t-tqabbil bejn l-impronti elevati minn fuq il-post tad-delitt u dawk ta’ l-indizjat saru minn Joseph Bongailas, nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-istess digriet appena msemmi. Huwa veru li jidher li hemm xi diskrepanza fl-atti dwar id-data meta nghata l-imsemmi digriet li fih gew nominati Caruana u Bongailas (u cioe` jekk hux fit-2 ta’ Dicembru, 1999, kif jghid Caruana fir-relazzjoni tieghu, jew fis-7 ta’ Dicembru, 1999 kif jghid Bongailas fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti[2] u kif jinghad fil-*proces-verbal*) – sfortunatament jidher <u>li d-digriet miktub bl-idejn</u> fuq ir-rikors tal-Ispettur Magri minnu ppresentat fit-2 ta’ Dicembru, 1999 u li bih gew nominati Caruana u Bongailas (ara fol. 8 tal-atti tal-*proces-verbal*) ma fihx data u l-istess digriet ma giex traskritt (id-data “7/12/99” aktar ‘l isfel fuq dik il-faccata hdejn il-firma ta’ Bongailas tidher li hi dik li fiha l-espert ta’ l-impronti digitali irceva l-kopja tad-digriet). Fi kwalunkwe kaz, l-appellant mhux jilmenta li ma kienx hemm nomina jew nomini skond il-ligi – hu semplicement qed jallega, ghalkemm b’mod vag hafna, li l-pulizija kellhom xi impronti diga fil-pussess taghhom. Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, P.C. 956 Caruana ha l-impronti digitali u palmari ta’ Frendo <u>qabel</u> ma kien gie hekk nominat, dan ma jfissirx li dawk l-impronti ma jistghux jintuzaw, fin-nuqqas ta’ opposizzjoni da parti tal-imputat,

[1] Artikolu 554(2) tal-Kodici Kriminali.

[2] Fir-relazzjoni tieghu Bongailas addirittura jsemmi data ohra bhala dik li fiha gie nominat, u cioe` l-14 ta’ Jannar, 2000.

ghall-fini ta’ kamparazzjoni. Ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi li l-pulizija jitolbu l-impronti digitali u palmari ta’ persuni li jkunu qed jigu minnhom investigati. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 554 tal-Kodici Kriminali (introdott bl-Att XXIX tal-1990) kien intiz mhux biex jawtorizza lill-pulizija li jiksbu l-impronti ta’ persuni suspettati meta dawn ta’ l-ahhar jaghzlu li jaghtu dawn l-impronti, izda biex fil-kaz fejn persuna suspettata tirrifjuta li taghti dawn l-impronti il-Magistrat ikun jista’ jordna li dawn jittiehdu anke kontra l-volonta` tas-suspettat.

Il-qofol ta’ l-aggravju ta’ l-appellant ghal dak li jirrigwarda l-prova tal-*fingerprints* hu li fil-kaz *de quo* dawn ma setgha qatt ikunu prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tieghu, u dan peress li dawn instabu, skond hu f’post pubbliku, cioe` f’post fejn jidhlu hafna nies, u li ghalhekk, skond hu, kellu jkun hemm xi forma ta’ “korroborazzjoni”. Din il-Qorti ma taqbilx. L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta’ prova indizzjarja – “circumstantial evidence” – li kif qal Lord Salmon fil-kaz ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *“…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.”* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f’post pubbliku jew f’post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta’ xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta’ dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f’bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista’ sservi ta’ prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b’serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta’ l-i*strongroom* tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.

Fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-appellant, fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, jammetti li hu kien jidhol fil-hanut fejn

saret is-serqa, jghid li hu kien jaghmel hekk biss biex jixtri l-gazzetta. Mistoqsi xi jpejjep, wiegeb li jpejjep sigaretti (jew Royals homor jew, meta ma jsibx Royals blu). Issa, l-impronti tal-appellant instabu hekk:

(1) impronta tas-seba tac-curkett ta' id il-leminija (99 CLF 307) fuq *compact disks*;
(2) zewg impronti – tas-seba tan-nofs u tas-seba tac-curkett – tal-id il-leminija (99 CLF 320) fuq kaxxi tal-Parker; u
(3) impronta tas-seba tan-nofs tal-id ix-xellugija (99 CLF 324) fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa.

Issa, peress li ma jirrizultax mill-process fejn kienet fil-hanut il-*compact disk* partikolari li fuqha nstabet il-marka 99 CLF 307, ma jistax jinghad li din il-marka wahedha hi ta' xi valur probatorju – jekk, per ezempju, kien hemm minn dawn id-diski fuq xkaffa b'mod li persuna li tidhol fil-hanut tista' tmisshom biex tarahom, il-fatt wahdu li tinstab l-impronta digitali ta' dik il-persuna fuq dik id-diska ma jorbotx lil dik il-persuna mal-kommissjoni tas-serqa. L-istess, pero`, ma jistax jinghad – kif tajjeb osservat l-ewwel qorti – ghaz-zewg impronti l-ohra. Dawn instabu fuq oggetti li kienu gew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-*counter* tal-hanut, presumibbilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min kien poggihom f'dik il-kaxxa (ara r-ritratt 99 CLF 127). Dawn kjarament kienu gew hekk spustati mill-hallieli jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti li, skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni.

Fl-ahharnett, l-appellant jilmenta dwar il-piena. Fic-cirkostanzi, u tenut kont ukoll tal-fedina penali aggornata tal-appellant (ara l-inkartament ta' l-appell), din il-Qorti ma tara li kien hemm xejn sproporzjonat fil-piena erogata mill-ewwel qorti. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------